MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru. 1053/2004

**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9,**

**Artikoli 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana tal-Kapitolu 37,**

**Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66**

**tal-Ligijiet ta' Malta,**

**Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta' 1998)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**NEIL CARL FARRUGIA**

**JEREMY JAMES FARRUGIA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **NEIL CARL FARRUGIA** ta' 22 sena iben Emanuel Farrugia u Catherine nee' Saydon, imwieled Pieta' fit-28 ta' Gunju, 1982 u residenti 18, Triq Santa Marija, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 347982(M) u **JEREMY JAMES FARRUGIA** ta' 20 sena iben Emanuel u Catherine nee' Saydon, imwieled Pieta' fil-11 ta' Novembru, 1984 u residenti numru 2, Triq Santa Marija, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 558384(M) gew imressqa

quddiemha u akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Frar, 2002 u/jew f’xi data qabel f’dawn il-gzejjer:

1. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-V.A.T., instab li xjentement kellhom fil-pussess u/jew taht il-kontroll taghhom;
    a. Revolver tal-marka Fagnus B, kalibru 0.22 kif ukoll sitt (6) 0.22 Rem. Bullets fejn l-importazzjoni tal-oggetti hawn fuq imsemmija, hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta’ Lm 25.00,0 dazju ta’ Lm1.27,0 u taxxa fuq il-valur mizjud ta’ Lm4.73,0.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija kellhom fil-pussess jew kontroll taghhom, jew kellhom f’idejhom jew fuqhom arma tan-nar u munizjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

3. F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba:
    a. Titratta mal-imputat Jeremy James Farrugia talli huwa recidiv b’diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu midbula.
    b. Titratta mal-imputati Neil Karl Farrugia u Jeremy James Farrugia talli kisru l-kundizzjoni ta’ sentenza mposta minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D datata 18 ta’ Ottubru, 2001 fejn gew misjuba hatja u

Neil Karl Farrugia kien gie kkundannat tliet snin probation taht il-probation office Mariella Camilleri filwaqt li Jeremy James Farrugia kien gie kkundannat sena habs sospiza ghal sentejn u tliet snin probation taht il-probation officer Mariella Camilleri ukoll.

c. Fil-konfront taz-zewg imputati, sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti kif ukoll jekk ikun il-kaz tikkundanna lill-imputati ghall-hlas tal-ispejjez dwar il-hatra ta' esperti u/jew periti.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, zewg estratti mill-att tat-twelid tal-imputati, zewg fedini penali, kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Novembru, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Joseph Apap Bologna.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe' Paul Scicluna, Joseph Borg, Brigadier Maurice Calleja, PS 198 Arthur Debattista, PS 964 Robert Scicluna, Joseph Vella, l-Ispettur Dennis Theuma, l-Ispettur Pierre Grech, l-Ispettur Simon Galea, PC 1504 Sunny Caruana, Perit Richard Aquilina, PC 169 Victor Jones, PC 478 Neville Mercieca.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum 24 ta’ Gunju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu regghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju, 2014.

Rat illi l-imputat Jeremey Farrugia ghandu sittax (16)-il sena prigunerija x’jiskonta skond ma qal lill-Qorti minn rajh, liema fatt ma giex kontestat mill-prosekuzzjoni.

Semghet ukoll lill-Ufficcjal Prosekutur jiddikjara li l-akkuza tal-ksur ta’ Probations diga’ giet trattata f’sentenzi ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-mori ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali akkuza.

Rat illi l-imputati huma recidivi u ghandhom fedina penali riflettarja u ghalhekk jisthoq li jigu kkundannati ukoll jaghmlu piena ta’ prigunerija.

Rat mill-banda l-ohra li din il-kawza kienet ilha pendenti mhux quddiem din il-Qorti kif preseduta sa mit-3 ta’ Dicembru, 2004 kwazi ghaxar (10) snin u qatt ma gie esebit fedina penali *up dated* tal-imputati u ghalhekk din il-Qorti mhiex f’posizjoni tikkummenta jekk l-imputati baqghux fit-triq ta’ kriminalita’.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana tal-Kapitolu 37, Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta’ 1998) tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputati NEIL CARL FARRUGIA u JEREMY JAMES FARRUGIA hatja tal-akkuzi kollha salv dik ta’ ksur ta’ Probations dwar liema akkuza din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dwar l-akkuzi li sabithom hatja li tikkundannhom piena ta’ prigunerija ta’ sitt (6) gimghat oltre dan tordna lil kull imputat ihallas multa ta’ mija u ghoxrin ewro (ewro 120). Il-Qorti qed taghti zmien xahrejn (2) ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tithallas din il-multa.**

**Oltre dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna liz-zewg imputati b'mod individwali jhallsu l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti li gew nominati waqt l- inkjesta li tinsab esebita f'dawn l-atti dwar serq bi sgass minn 'Gian Luca Auto Dealer' sitwat fi Triq Santa Marija limiti ta' Birkirkara.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------